

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Sib Espert](#) > Croatia

## Sib espert

Il-Kroazja

Il-kontenut ipprovdut minn

Il-Kroazja



### I. Listi u reġistri ta' esperti

Fuq il-bażi tal-għarfien espert tagħhom, l-esperti maħtura mill-qorti jipprovdu lill-Qorti bis-servizz ta' opinjoni esperta meta jkun meħtieġ, sabiex il-fatti fil-proċedimenti jkunu jistgħu jiġu aċċertati jew iċċarati.

Il-Qrati tal-Kontea u dawk Kummerċjali jżommu lista ta' esperti li jistgħu jinħatru mill-qrati kif ukoll lista ta' persuni ġuridiċi, istituti, istituzzjonijiet u korpi Statali li ġew awtorizzati li jwettqu l-funzjoni ta' espert (minn hawn 'il quddiem: lista ta' Entitajiet Legali). Il-listi huma ppubblikati fuq is-siti elettroniċi tal-Qrati.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja jżomm [lista elettronika unika ta' esperti li jistgħu jinħatru mill-qrati](#) li hija maqsuma skont l-oqsma ta' kompetenza, u [lista ta' entitajiet legali](#) għat-territorju kollu tar-Repubblika tal-Kroazja, u jipubblikahom fuq [is-sit web tiegħu](#).

Il-proċedura għall-inklużjoni ta' esperti fil-lista tinbeda b'talba ppreżentata lill-President tal-kontea jew lill-qorti kummerċjali, li għandha ġurisdizzjoni fuq il-post ta' residenza tar-rikorrent jew is-sede tal-entità legali. Iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tal-Istati firmatarji tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li ma għandhomx residenza permanenti fir-Repubblika tal-Kroazja, għandhom jitolbu lill-Qorti tal-Kontea ta' Zagreb jew il-Qorti Kummerċjali ta' Zagreb sabiex jiġu maħtura.

Jekk il-kandidat għall-inklużjoni fil-lista jissodisfa r-rekwiżiti, il-President tal-Kontea rispettiva ta' Qorti Kummerċjali għandu jibgħat lill-kandidat għal valutazzjoni tal-għarfien tiegħu/tagħha dwar l-istruttura tal-ġudikatura, l-amministrazzjoni pubblika u t-terminoloġija legali, qabel ma j/tiddeċiedi dwar il-ħatra tiegħu/tagħha bħala espert elenkat. L-eżami jsir mill-kumitati ta' valutazzjoni tal-għarfien tal-qrati tal-kontea, li għandhom president u żewġ membri fost l-imħallfin ta' dik il-qorti. Kandidat għal xogħol full-time li għandu lawrja fil-liġi mhuwiex meħtieġ li jagħmel l-eżami. Il-President tal-qorti adatta jirreferi kandidat għar-reġistrazzjoni u li jkun għadda mill-eżami, għal taħriġ vokazzjonali f'assoċazzjoni professjonali ta' esperti tal-qorti. (Madankollu, speċjalista forensiku li jkollu permess validu ta' xogħol (liċenzja) kif ukoll l-impjegati li jwettqu għarfien espert f'istituti, istituzzjonijiet u korpi governattivi mhumiex obbligati li jagħmlu taħriġ vokazzjonali f'oqsma ta' kompetenza li għalihom dawn l-istituti, istituzzjonijiet u korpi governattivi ġew awtorizzati li jwettqu għarfien espert).

Wara li j/tlesti t-taħriġ professjonali u j/tiġbor evidenza dwar l-eliġibbiltà għall-ħatra bħala espert irregiſtrat, jew dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' għarfien espert ġudizzjarju, il-president tal-kontea jew dik kummerċjali rispettiva j/tiddeċiedi dwar it-talba permezz ta' deċiżjoni.

Esperti maħtura mill-qorti jew entitajiet legali jridu jkunu assigurati matul il-perjodu kollu ta' twettiq ta' għarfien espert. Evidenza tal-kuntratt ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà konkluż (polza ta' assigurazzjoni) għandha tiġi ppreżentata lill-president tal-kontea jew qorti kummerċjali kompetenti, qabel l-inklużjoni fil-lista tal-ħatra u kull sena sussegwenti matul il-perjodu tal-ħatra jew tal-approvazzjoni.

Il-lista tal-ħatra ta' esperti hija valida għal perjodu ta' erba' snin. Entità, istitut, istituzzjoni jew korp governattiv legali għandhom ikunu awtorizzati li jwettqu perizja ġudizzjarja għal perjodu ta' erba' snin.

L-espert maħtur jieħu ġurament quddiem il-president tal-qorti, li ħatru bħala espert irreġistrat.

Wara li jgħaddi ż-żmien li għalih huwa/hija j/tinĥatar, espert elenkat jista' jinĥatar mill-ġdid għal mandat ta' erba' snin u entità legali, istitut, istituzzjoni jew korp statali, tista' terġa' tiġi approvata biex tkun tista' twettaq perizja tal-qorti. It-talba għal ħatra mill-ġdid jew approvazzjoni għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn 30 jum qabel l-iskadenza tal-ħatra attwali.

Il-ħatra ta' espert għar-reġistru għandha tiġi rrevokata (temporanjament) mill-President tal-kontea jew tal-qorti kummerċjali rilevanti:

- jekk mitluba mill-espert,
- jekk l-espert jibdel il-post tar-residenza tiegħu, jekk jiġi determinat li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ma ġewx issodisfati jew li l-kundizzjonijiet għall-ħatra ma baggħux issodisfati,
- jekk, abbażi ta' deċiżjoni finali tal-awtorità kompetenti, ikun ġie ddikjarat mhux idoneu biex iwettaq attivitajiet fiż-żona li għaliha jkun inĥatar,
- jekk ġie imċaħħad mill-kapaċità ġuridika permezz ta' sentenza finali,
- jekk ikun instab ħati ta' reat kriminali li huwa ostaklu għad-dħul fis-servizz pubbliku,
- jekk iwettaq il-kompiti ta' espert *in mala fide* jew b'negliġenza,
- jekk huwa jonqos milli jissottometti, meta jiskadi l-perjodu preskritt, prova tal-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni ta' obligazzjoni għat-twettiq tad-dmirijiet ta' espert reġistrat,
- jekk ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet dwar is-segretezza ta' kulma sar jaf matul it-twettiq ta' perizja.

Il-President tal-kontea jew il-qorti kummerċjali rilevanti jirrevoka b'mod permanenti espert mil-lista jekk l-espert iwettaq ix-xogħol ta' espert maħtur mill-qorti wara li l-ordni ta' rifjut temporanju jew projbizzjoni tat-twettiq tal-kompiti tiegħu jkunu saru eżegwibbli.

L-esperti, jew l-entitajiet legali li huma awtorizzati jwettqu xogħolhom bħala esperti maħtura mill-qorti, huma obbligati li minnufih jirrapportaw kwalunkwe bidla fid-*data* tagħhom lill-qorti li tkun ħarithom jew awtorizzathom fil-lista. Il-qorti hija obbligata li minnufih timplimenta dawn il-bidliet fil-listi li fihom huma rreġistrati l-esperti jew l-entitajiet legali li jistgħu jinĥatru mill-qorti.

## II. Kwalifiki tal-esperti

L-Ordinanza dwar l-esperti maħtura mill-qorti ("Gazzetta Uffiċjali" 38/14, 123/15, 29/16 Korrezzjoni u 61/19) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-ħatra, id-drittijiet u d-dmirijiet ta' esperti maħtura mill-qorti.

Persuna tista' taħdem bħala espert maħtur mill-qorti jekk il-persuna tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

1. hu/hi ċittadin(a) tar-Repubblika tal-Kroazja, ċittadin(a) ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ċittadin(a) ta' Stat li huwa parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,
2. hu/hi kapaċi j/twettaq id-dmirijiet ta' espert maħtur mill-qorti,
3. wara li j/tkun lesta/lestiet l-istudji xierqa jew l-iskejjel, ikun/tkun ħadem/ħadmet fil-professjoni, jiġifieri:
  - mill-inqas tmien snin - jekk hu/hi tkun lesta/lestiet lawrja universitarja jew lawrja ta' speċjalizzazzjoni postuniversitarja;
  - mill-inqas 10 snin — jekk i/tkun lesta/lestiet l-istudji universitarji tal-ewwel lawrja jew l-istudji universitarji professjonali rilevanti;
  - mill-inqas 12-il sena - jekk i/tkun lesta/lestiet l-edukazzjoni sekondarja xierqa, u ma jkun hemm l-ebda lawrja universitarja tal-ewwel grad jew lawrja universitarja professjonali tal-ewwel grad jew lawrja *post-graduate* speċjalizzata,
4. hu/hi j/ttejjem b'suċċess l-eżami tal-għarfien dwar l-organizzazzjoni tal-ġudikatura, l-amministrazzjoni tal-istat u t-terminoloġija legali,
5. i/tkun temm(et) b'suċċess taħriġ vokazzjonali kif definit mill-assocazzjoni professjonali rilevanti,
6. hu/hi għandu/għandha kuntratt ta' assigurazzjoni ta' obligazzjoni għat-twettiq ta' espert maħtur mill-qorti,

7. hu/hi kiseb/kisbet il-lawrji rilevanti fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu/tagħha,

8. ma jkunx hemm ostakli għad-dħul fis-servizz ċivili tal-persuna.

It-taħriġ vokazzjonali ma jstax idum aktar minn sena. L-assoċazzjonijiet professjonali huma obbligati li jaħtru mentors għat-taħriġ vokazzjonali. Espert irreġistrat jista' jinħatar bħala mentor għat-taħriġ jekk ikollu mill-inqas ħames snin esperjenza fit-twettiq tax-xogħol ta' espert maħtur mill-qorti. Il-lista ta' mentors għandha tiġi trażmessa lill-qorti tal-kontea u dawk kummerċjali. L-abbiltà ta' kandidat (li jkun ġie riferut għal taħriġ vokazzjonali) li jwettaq id-dmirijiet ta' espert maħtur mill-qorti għandha tiġi determinata abbażi tar-rapport dwar it-taħriġ professjonali mwettaq mill-applikant. Fi żmien xahar wara t-tlestija tat-taħriġ professjonali, l-assoċazzjoni professjonali rilevanti hija meħtieġa tfassal opinjoni bil-miktub dwar il-livell ta' suċċess tat-taħriġ tal-kandidat u dwar il-kompetenza tiegħu li jwettaq ix-xogħol ta' espert maħtur mill-qorti, ibbażat fuq rapport miktub minn mentor tat-taħriġ. L-assoċazzjoni professjonali rilevanti hija meħtieġa tibgħat dan ir-rapport lill-President tal-kontea jew tal-qorti kummerċjali rilevanti.

It-tobba speċjalizzati jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-inklużjoni tagħhom fil-lista wara li jkunu għaddew mill-eżami speċjalizzati.

L-entitajiet ġuridiċi huma eliġibbli għat-twettiq ta' perizja ġudizzjarja:

- jekk huma jkunu wkoll irreġistrati fil-qasam tagħhom ta' perizja għal qasam partikolari;
- jekk l-impjegati tagħhom ikunu ġew inklużi fil-lista ta' esperti fil-qasam li għalih tkun qed tintalab l-approvazzjoni;
- jekk hu/hi għandu/għandha kuntratt ta' assigurazzjoni ta' obligazzjoni għat-twettiq ta' perizja.

### III. Remunerazzjoni tal-esperti

Fil-proċedimenti tal-qorti, l-esperti huma primarjament magħżula mil-lista ta' esperti reġistrati.

L-esperti maħtura mill-qorti huma intitolati għal tariffi u kumpens ta' spejjeż materjali. L-ammont ta' kumpens huwa ddeterminat individwalment mill-qorti skont lista ta' prezzijiet speċjali għal kumpens ta' spejjeż materjali u tariffi ta' esperti maħtura mill-qorti. Il-lista ta' prezzijiet ta' hawn fuq hija parti integrali mill-Ġabra ta' Regoli dwar esperti maħtura mill-qorti.

L-espert maħtur mill-qorti jiġi rimborżat għall-perizja wara li din tkun tlestiet.

### IV. Obligazzjoni tal-esperti

Espert maħtur mill-qorti jew entita ġuridika jridu jkunu assigurati matul il-perjodu kollu ta' twettiq ta' perizja. L-inqas ammont ta' assigurazzjoni ta' obligazzjoni għat-twettiq ta' perizja ġudizzjarja huwa ta' HRK 200 000,00 (madwar EUR 26 807,50) għal persuni fiżiċi u HRK 500 000,00 (madwar EUR 67 018,74) għal entitajiet ġuridiċi.

Ċittadin ta' Stat Membru tal-UE jew Partijiet tal-Istat għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jista' jkun assigurat għat-twettiq ta' dmirijiet bħala espert f'pajjiżu.

### V. Informazzjoni addizzjonali dwar proċedimenti għal esperti

Il-ħatra ta' espert hija regolata mil-liġijiet proċedurali, jiġifieri mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u mill-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

### VI. Ħatra tal-esperti

Esperti maħtura mill-qorti fuq talba ta' parti jew *ex officio* fi proċediment ġudizzjarju partikolari, meta jkun meħtieġ li tiġi ppreżentata evidenza minn esperti biex jiġu stabbiliti jew jiġu ċċarati l-fatti li għad iridu jiġu ddeterminati.

## VI.1. Rapport tal-espert

Il-forma tas-sejbiet u l-opinjoni ta' espert maħtur mill-qorti mhijiex regolata. Il-Qorti tiddetermina jekk l-espert għandux jippreżenta l-konklużjonijiet u l-opinjoni tiegħu oralment biss waqt is-seduta jew jissottomettihom bil-miktub qabel is-seduta ta' smiġ. Il-Qorti għandha tistabbilixxi skadenza bil-miktub għas-sottomissjoni tas-sejbiet u tal-opinjoni, li ma tistax taqbeż is-60 jum. L-espert irid dejjem jiddikjara l-opinjoni tiegħu/tagħha. Il-Qorti tippovdi lill-partijiet b'sejba u opinjoni bil-miktub mhux aktar tard minn 15-il jum qabel is-seduta ta' smiġ li fiha se jiġu diskussi s-sejbiet.

## VI.2. Seduta ta' smiġ mill-qorti

Il-Qorti tista' tagħmel mistoqsijiet dwar is-sejbiet tal-espert waqt is-seduta ta' smiġ tal-qorti.

*L-informazzjoni ppreżentata hawn inġabret matul il-Proġett Sib Espert minn kuntatti għal kull pajjiż magħżul mill-Istitut Ewropew għall-Perizji u għall-Esperti (EEEI, European Expertise & Experts Institute).*

---

L-aħħar aġġornament: 10/09/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.